**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-4 ta' Marzu 2016**

**Appell Numru 380/2015G**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**v.**

**Martin Joseph Xuereb**

**Il-Qorti,**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Martin Joseph Xuereb, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 509090M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel minn ġewwa diversi postijiet f'dawn il-Gżejjer, f'ħinijiet differenti:
>
> 1. Ikkommetta serq ta' ammont ta' diesel liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bl-ammont li jeċċedi l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-dannu ta' diversi persuni;
>
> 2. Fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2013 ipprova jisraq ammont ta' diesel minn ġewwa l-gżira ta' Għawdex liema delitt

ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

3. Sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-7 ta' Lulju, 2015, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 267, 270, 271(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Martin Joseph Xuereb ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perjodu ta' sentejn priġunerija.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Martin Joseph Xuereb ppreżentat fir-reċistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2015, fejn talab lil din il- Qorti:

1. Tvarja d-deċiżjoni appellata u dana billi tnaqqas il-piena hekk kif imposta fuqu;
2. Fi kwalsiasi każ ma tiġix imposta piena karċerarja effettiva u dana stante r-raġunijiet hawn fuq miġjuba.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti esebiti, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

L-imputat appellant fis-27 ta' Settembru 2013 tressaq taħt arrest quddiem l-ewwel Qorti imputat kif fuq ingħad. Huwa ddikjara li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, talab il-ħelsien mill-arrest u t-talba tiegħu ntlaqgħet mill-Qorti taħt diversi kundizzjonijiet. Saret il-kumpilazzjoni u wara diversi rinviji l-atti eventwalment fid-9 ta' Marzu

2015 intbagħtu mill-Avukat Ġenerali lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tiddeċiedi l-każ a bażi tal-artikoli tal-liġi indikati minnu lill-Qorti. Fl-ewwel seduta wara r-rinviju għall-ġudizzju l-imputat ddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiz mill-ewwel qorti bil-proċedura sommarja u l-kawża ġiet differita għal data oħra għall-provi tad-difiża. Fis-seduta minnufih wara l-imputat ppreżenta żewġ dokumenti konsistenti f'dikjarazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Msida u oħra ffirmata mid-direttur tas-soċjetà Chevron Services Ltd u wara ammetta l-imputazzjonijet kontra tiegħu wara li saret riferenza għall-artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fir-rinviju għall-ġudizzju. Dakinhar il-kawża ġiet differita ghas-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u tad-difiża u f'din l-aħħar seduta l-kawża ġiet deċiza mill-ewwel Qorti kif ingħad.

**6.** L-aggravju huwa unikament dwar il-piena li l-appellant isostni hija waħda eċċessiva għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Minkejja illi l-appellant kellu tfulija diffiċli u kemm il-darba kellu problemi mal-Ġustizzja, huwa qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jirriforma ruħu tant li matul iż-żmien li huwa skonta fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin ġab ruħu b'mod eżemplari, ħadem ukoll mal-Kunsill Lokali u anke kellu *referral* mill-istess Kunsill;
2. In oltre, jirriżulta wkoll illi l-appellant sab ukoll xogħol stabbli ma ditta privata liema xogħol jista' jkun il-bażi għal ħajja aħjar u 'l bogħod minn problemi mal-Ġustizzja liema opportunità huwa jitlef jekk jiġi kundannat għal priġunerija effettiva u b'hekk jisfumaw għal kollox l-isforzi kollha li huwa għamel sabiex ikun jista' jirriabilita ruħu u jsib post fiss fis-soċjetà;
3. Finalment huwa jitlob għall-klemenza tal-Qorti "stante ċirkostanzi li fuhqom huwa ma għandux ebda kontroll" tlett (3) uliedu minuri spiċċaw jgħixu waħedhom taħt *Care Order* maħruġ fuq talba tal-Aġenzija Appoġġ u jekk jerġa jiġi kundannat għal priġunerija effettiva

huwa mhux ser ikollu l-opportunità li jieħu ħsieb uliedu u jerġa' jieħu l-kura u l-kustodja tagħhom.

4. Piena karċerarja effettiva, f'dan il-każ partikolari mhijiex ser tgħinu sabiex ikun jista' jassumi r-responsabbilitajiet ta' ġenitur - li f'dan il-każ hija xi ħaġa essenzjali għal tlett (3) uliedu minuri kif ukoll għall-formazzjoni aħjar tal-karattru tiegħu.

**7.** Kif ormai huwa ben stabbilit, fil-każijiet ta' appelli mill-piena din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**8.** F'dan il-każ ma saret ebda allegazzjoni li l-piena ma hix fil-parametri tal-liġi. L-imputat nstab ħati talli matul diversi xhur f'dati differenti u f'diversi okkażjonijiet kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta huwa seraq kwantitajiet ta' diesel minn vetturi li kien jkunu pparkjati fit-triq jew f'inħawi oħra u dan id-diesel kien imbgħad ibiegħu lil ħaddiehor. Il-valur tad-diesel misruq kien jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disa' u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u l-imputat huwa pluri reċidiv fir-reat ta' serq. Il-fedina penali tiegħu di fatti hija folta konsiderevolment u l-imputat ilu sa mis-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (karriera ininterrotta ta' erbgħa u għoxrin sena) b'regolarità kważi nojjuża jinstab ħati ta' reati ta' serq iżda wkoll ta' reati oħra bħal sewqan bla liċenzja u bla polza ta' assikurazzjoni, ħsara volontarja, pussess tal-pjanta cannabis, pussess ta' kokaina, attakk u reżistenza bi vjolenza jew ħebb kontra uffiċjali tal-pulizija, frodi, falsifikażżjoni, dikjarazzjoni falza, inġurji u theddid, naqas f'diversi okkażżjonijiet iħallas il-manteniment dovut għal uliedu, ksur tal-kondizzjonijiet tal-libertà provviżorja, offiżi ħfief u maltrattament jew moħqrija fuq minorenni, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta'

probation, ksur ta' ordni pubbliku, diversi drabi nstab ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.

**9.** Bi storja ta' delinkwenza bħal din il-Qorti ma tistax ma timmeraviljax ruħha li l-imputat jiġi llum jinvoka kemm qiegħed jagħmel minn kollox sabiex jirriforma ruħu u bħala eżempju jsemmi biss iż-żmien li għamel meta kien maqful fil-faċilità korrettiva bħala punizzjoni għall-għemil delinkwenti tiegħu. Il-Qorti ma tistax ma timmeraviljax ruħha wkoll kif f'24 sena l-appellant jidher li prinċipalment okkupa ruħu fid-delinkwenza biex issa waqt li jinsab karċerat irnexxilu, bħal b'daqqa ta' bakketta maġika, jsib lil xi ħadd li joffrilu impieg. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti ma hix persważa li din hija opportunità ġenwina ta' impieg.

**10.** Inoltre, l-appellant jitlob il-klemenza tal-Qorti sabiex ikollu l-opportunità li jieħu ħsieb uliedu u sabiex ikun jista' jassumi r-responsabbilitajiet ta' ġenitur. Iżda l-Qorti tosserva li mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li l-appellant naqas f'diversi okkażżjonijiet milli jħallas il-manteniment ordnat mill-Qorti lil Ruth Schembri u lil uliedha minuri u b'hekk l-appellant wera li ma hux lest li jassumi r-responsabilitajiet tiegħu anqas meta obbligat mill-Qorti. Barra minn hekk jirriżulta wkoll li l-appellant kien nstab ħati wkoll ta' reat kontinwat konsistenti f'offiżi ħfief u maltrattament jew moħqrija fuq tfal u dan ukoll xejn ma jimmanifesta atteġġjament responsabbli lejn it-tfal.

**11.** Tenut kont ta' dak kollu premess, il-piena imposta mill-ewwel Qorti, anki fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar il-piena, ma hix waħda eċċessiva u din il-Qorti ma ssib ebda raġuni valida sabiex tvarjha.

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell ta' l-imputat Martin Joseph Xuereb u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Silvio Camilleri

Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech

D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur